Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,612, 5 ta' Mejju, 1998
Taqsima B

A.L. 117 ta' l-1998

ATT TA' L-EDUKAZZJONI
(KAP 327)
Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut ta' l-Agrikoltura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 37(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 37(2) ta' dak l-Att:

Titlu u Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-Ordinamenti jistgħu jissejħu Ordinamenti ta' l-1998 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - fl-Istitut ta' l-Agrikoltura.

(2) F'dawn l-Ordinamenti, kemm-il darba ir-rabta ta' kliem ma teħtieġx xort'oħra

"Il-Bord" ifisser il-Bord ta' l-Istitut ta' l-Agrikoltura;

"Il-Grad" ifisser il-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.;

"Il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D.

Applikabilita'

2. Dawn l-Ordinamenti għandhom japplikaw għal korsijiet li jibdew minn Ottubru 1996 jew wara.

Eliġibilita' għad-Dħul

3. Il-Kors għandu jkun miftuħ għal kandidati li għandhom:

(a) grad ta' Master of Science - M.Sc. - jew fix-Xjenza Agrikoli jew fil-Farmaċija Agrikola u Veterinarja ta' din l-Universita'; jew

(b) grad ta' Bachelor of Science (Hons) - B.Sc. (Hons) fl-Agrikoltura', l-Ortikultura, il-Bioloġija jew ix-Xjenza Veterinarja minn din jew Universita' oħra approvata, sakemm l-Unuri miksubin mhumiex inqas mit-Tieni Klassi Taqsima Superjuri; jew

(ċ) grad ogħla fl-Agrikoltura minn din jew minn Universita' oħra approvata;

Iżda l-kandidati li japplikaw taħt ir-Regolament 3 (b) għandhom jirreġistraw l-ewwel bħala kandidati għall-Grad ta' Master of Philosophy - M.Phil.

Reġistrazzjoni

4. Applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni għandhom jinkludu deskrizzjoni qasira tal-faċilitajiet sperimentali meħtiega għall-istudju tar-riċerka proposta, kif ukoll indikazzjoni ta' l-infiq totali involut.

Teżi

5. (1) It-tul tat-teżi m'għandux normalment jeċċedi il-100,000 kelma sakemm il-Bord ma jispeċifikax mod ieħor.

(2) Student għandu jkun meħtieġ jissottometti erba' kopji tat-teżi li tlieta minnhom għandhom ikunu llegati bi drapp iswed bi qxur iebsin u bi kwalita' ta' karta tajba u li jkollhom ittri lewn id-deheb fuq il-faċċata ta' quddiem li juru (a) isem l-istudent, (b) it-titlu tat-teżi, (ċ) "Ph.D.", (d) is-sena ta' sottomissjoni; u (a), (ċ) u (d) biss fuq id-dahar.

(3) It-test għandu jkun ittajpjat fuq karti A4, naħa waħda biss, bi spazju doppju u b'marġni ta' 40mm lejn ix-xellug u mill-inqas 20mm fuq in-naħa ta' fuq, t'isfel u tal-lemin.